


# IL-PULIZIJA

Diċembru 2023 • Vol 30 Nru. 3

BANK MALTI GĦALL-IŻVILUPP
MALTA DEVELOPMENT BANK



# BRIDGING THE INVESTMENT GAP

SUPPORTING SMEs
INNOVATION, INFRASTRUCTURE
GREEN & SOCIAL INVESTMENTS

mdb.org.mt

# Werrej


**04** **Il-Messaġġ** Tal-Ministru

**06** **Il-Messaġġ** Tal-Kummissarju

**09** **Mill-Uffiċċju Legali** Mill-Ispettur Jurgen Vella

**10** **L-Istress fuq il-post tax-xogħol** Minn Dr. Charlene Tonna

**12** **Kif nista' ngħin membri tal-familja jifhmu l-ħajja fil-korp** Employee Support Programme

**16** **Esperjenza Missjunarja... ...esperjenza li tibdillek ħajtek** Minn RPC3061 Simon Marshall

**18** **Police Officers Union** Minn Steve Spiteri

**21** **Paġna tal-Isports** Avvenimenti Sportivi

**22** **Apprezzamenti** Mingħand il-Komunità

**25** **Pensjonanti** Kitba ta' Martin Pace

**29** **International Police Association**

**30** **Obitwarju**


# Editorjal

L-aħħar editorjal tas-sena, kif tistgħu tobsru ħafna mill-artikli jagħmlu referenza għall-ftehim settorali li nibdew ingawdu minnu s-sena d-dieħla.

Imma mhux biss, fi żmien bħal dan relatat mal-festi, tajjeb li naħsbu wkoll fuq min hu inqas ixxurtjat minna u għandna għalikom artiklu interessanti ħafna relatat max-xogħol volontarju fil-missjoni li għamel kollega tagħna.
Artiklu li jagħti informazzjoni wkoll lil min hu interessat, kif jista' jikkontribwixxi għal dan l-għan nobbli.

Nafu li hija ta' interess għalikom ukoll il-paġna tal-apprezzamenti. Ikollna ħafna minnhom u huwa impossibbli li nippubblikawhom kollha, pero bħalma tafu, apparti li nippubblikaw minnhom ġol-magażin, intellgħu wkoll oħrajn fuq il-paġna ta' facebook. Kull apprezzament li jasal ngħadduh ukoll lill-uffiċċjali involuti u anke għall-attenzjoni tas-superjuri tagħhom, inkluż il-Kummissarju li dejjem jieħu ħsieb jirringrazzjakom personalment. Bħalma ilment jiġi pproċċessat malajr, daqstant ieħor qed nagħmlu mezz li jiġu pproċċessati b'mod effiċjenti l-apprezzamenti kollha.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li kkontribwixxew tul din is-sena, b'artikli siewja relatati max-xogħol u anke l-benesseri tagħna. Ringrazzjament speċjali jmur lejn PC2025 Charlene Cilia li tieħu ħsieb ħafna mix-xogħol relatat ma' dan il-magażin u wkoll lill-eks Surġent Joseph Borda li jgħinna nżommu l-lista tal-pensjonanti u l-paġna tal-obitwarju dejjem aġġornata.

F'isem il-Bord Editorjali kollu, nawguralkom il-Milied u s-Sena t-Tajba.

Rodienne Bartolo Haidon
Editur

## Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana

**Fotografija**
PC 920 - Clive Pace
Martina Fava

**Disinn u Riklamar**
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com

Stampar
GUTENBERG PRESS





*Ritratt mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni*


**Nota ta' ringrazzjament**

**Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f 'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, FRN 1530 jew *magazine.police@gov.mt***

# Il-Messaġġ tal-Ministru

Nixtieq nuri l-apprezzament u l-gratitudni tiegħi għax-xogħol bla heda u dedikat li kull wieħed u waħda minnkom għamiltu biex tħarsu lill-komunitajiet tagħna matul din is-sena.

Kellkom diversi sfidi u wrejtu li kapaċi tibqgħu turu impenn biex tħarsu l-buon ordni. Bqajtu kommessi li turu li intom miftuħin u preparata għall-bidla, bl-għan li s-servizz li joffri l-Korp tal-Pulizija jkun aħjar. Id-dedikazzjoni u l-qlubija tagħkom ikunu osservati mill-poplu Malti u Għawdxi.

L-2023 ġabet magħha sfidi uniċi li intom kontu kapaċi taffrontaw. Mill-ħarsien tas-sigurtà waqt il-bosta ġrajjiet importanti li seħħew f'pajjiżna, sal-ħidma tagħkom biex il-lokalitajiet tagħna jibqgħu siguri u n-nies ikollhom serħan il-moħħ. Ipprovdejtu servizz mill-aqwa liċ-ċittadini tagħna.

Irrid nirrikonoxxi s-sagrifiċċji li intom, u l-familji tagħkom, tagħmlu kuljum biex tħarsu lill-komunitajiet tagħna. L-impenn tagħkom lejn ix-xogħol fisser li ma tkunux preżenti għal mumenti importanti fil-ħajja personali tagħkom. U ta' dan aħna lkoll grati lejkom.

Ir-rikonoxximent lejkom ma jsirx biss bil-kliem imma bil-fatti. Ftit ilu ffirmajna ftehim settorali ieħor magħkom li bih se ssaħħu u ttejbu l-kundizzjonijiet u d-drittijiet tagħkom. Dan jinkludi mhux biss kundizzjonijiet aħjar, iżda wkoll drittijiet ġodda li qatt ma gawdejtu minnhom. Aktar minn hekk, rajna li jkun iffirmat ftehim ġdid eżatt mal-għeluq ta' dak ta' qablu fejn ridna nagħtu sinjal importanti ta' impenn kontinwu biex insaħħu d-drittijiet u l-kundizzjonijiet tagħkom.



B'żieda mal-ftehim kollettiv introduċejna pensjoni tas-servizz lir-romol fil-każ li, sfortunatament, tkunu nieqsa fil-perjodu tas-servizz jew bejn is-servizz u l-età tal-irtirar statutorja tagħkom. Ukoll, saħħaħna l-pensjoni għal ħaddiema tal-korpi dixxiplinati bi 23% għal dawk li jagħżlu li jtawlu s-snin tas-servizz. Impenjati wkoll li mhux biss nibqgħu nipprovdulkom ambjent aħjar fejn taħdmu, u għodda aktar moderni, iżda nibqgħu nsostnu r-risorsi umani tal-Korp tal-Pulizija b'demm ġdid.

Is-sena d-dieħla se tkunu strumentali fit-twettiq t'aktar proġetti biex bis-servizzi li tagħtu tersqu aktar lejn il-komunità u biex tisfruttaw aktar intelligence-led policing fil-ħidma kontra l-abbuż u aġir kriminali. Hekk fil-Korp se taraw il-miġja ta' għodda ġdida, irwol ġdid u anke skwadri ġodda.

L-istess bħalma għamiltu dis-sena, persważ li matul l-2024 se tibqgħu taħdmu għal ġid tal-komunitajiet diversi tas-soċjetà. Persważ li se tkomplu turu mġieba eżemplari u tkomplu toffru l-għajnuna tagħkom għal kull min jitlobha.

Għal darb'oħra nirringrazzjakom tad-dedikazzjoni tagħkom biex tiżguraw il-benesseri u s-serħan il-moħħ taċ-ċittadini tagħna.

F'isem il-Ministeru u f'isem il-komunità kollha nixtieq lilkom u l-familji tagħkom il-festi t-tajba.




# YOUR ONE-STOP-SHOP
## FOR HOME RENOVATIONS

**HMV SUPPLIES**

The first of its kind in the industry, HMV Supplies offers a no booking, no waiting service, with all displayed items in stock. One can purchase and take the product over the counter with no delays.

**Opening Hours:**
Monday to Friday: 7am - 5pm. Saturday: 7am - 12pm.

**HMV Supplies,** Mosta Road, Lija.
**T:** (+356) 21 433 636 **E:** info@halmannvella.com
hmvsupplies





*Adhesives, raw materials, pebbles, profiles, gutters, drains, chemicals, grouting, health and safety equipment, tools, ceramic tiles, sanitary ware, bathroom accessories, faucets, natural stone, pre-cut sills and more. All available from stock!*

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju

## Sena ta' Konsolidament

Għall-grazzja t'Alla għaddiet sena oħra minn fuqna. Kienet sena fejn, grazzi għall-impenn ta' kull wieħed u waħda minna, komplejna nikkonsolidaw il-ħidma tagħna li qed tkompli tissarraf f'pajjiż aktar sigur u f'tisħiħ fil-fiduċja tal-poplu fil-Korp tal-Pulizija.

Tassew kburi li ftit tal-ġimgħat ilu ssiġillajna ftehim settorali ġdid għall-membri tal-Korp wara l-approvazzjoni tagħkom infuskom u proprju dan huwa t-tieni ftehim settorali fejn jien personali ħdimt id f'id maż-żewġ unions li jirrappreżentawkom u kuntent ferm li flimkien wasalna biex ilħaqna ftehim li kompla jtejjeb il-kundizzjonijiet finanzjari tal-uffiċjali tagħna.

Ngħid kompla jtejjeb għall-fatt li l-ewwel ftehim tal-2018 kien ġab bidliet radikali, fosthom li ġimgħa ta' xogħol ta' pulizija niżżilnieha minn 46 siegħa għal 40 siegħa u kull siegħa żejda li tinħadem wara l-40 siegħa titħallas b'rata ta' overtime. Fl-istess waqt fl-aħħar snin ħdimt qatigħ sabiex ngħinkom tieħdu dħul ġust u fil-ħin. Apparti li fl-aħħar snin tejjibna r-rati tal-extra duty, ħloqna wkoll sistema awtomatika fejn il-pulizija jitħallsu fi żmien xahrejn li jkunu offrew is-servizz. Dan kollu b'kuntrast ma' dak li kien jiġri fil-passat fejn saħansitra kien hemm każijiet fejn għaddew xhur sħaħ u anke snin biex l-uffiċjali tagħna tħallsu ta' xogħolhom.

Nemmen li dan il-ftehim kompla jsaħħaħ il-motivazzjoni tal-uffiċjali tagħna, l-aktar tal-frontliners tagħna, partikolarment il-Pulizija tad-Distrett, sabiex kemm jista' jkun innaqqsu l-perċezzjoni li jeżistu pulizija tal-ewwel jew it-tieni klassi.

Pero b'kundizzjonijiet ma nifhmux biss il-paga li nieħdu d-dar. Kemm ilni Kummissarju rajt li l-wellbeing tan-nies tagħna jingħata prijorità assoluta. Allura, apparti titjib finanzjarju, sa mill-ewwel ġurnata tiegħi ħdimna qatigħ fuq




il-kwalità tal-ambjent li noperaw fih sabiex eventwalment tissaħħaħ il-motivazzjoni tal-uffiċjali tagħna sabiex b'hekk allura s-servizz lill-pubbliku jkun ta' livell għoli. U filwaqt li għad fadal ħafna xi jsir, din ser tibqa' prijorità assoluta f'dan il-mument u fis-snin illi ġejjin.

U ġaladarba qed nitkellmu fuq kundizzjonijiet aħjar għall-membri tal-Korp, tajjeb li nfakkru li proprju fit-tieni ġimgħa ta' din is-sena li daqt jinżel is-separju fuqha, żanżanna uniformi ġdida, uniformi aktar prattika, aktar addattata għall-klima tagħna, u li fuq kollox nemmen li kompliet tqarribna aktar lejn il-komunitajiet tagħna. U proprju fl-aħħar ġimgħat u xhur konna qed naħdmu fuq il-proċess ta' xiri tal-uniform formali (one dress) sabiex sa nofs is-sena d-dieħla kull uffiċjal ikun qed iżanżan uniformi formali ġdida. Din il-miżura hija intenzjonata sabiex tkompli ssaħħaħ il-livell ta' kburija tal-membri tagħna.

Proprju fl-2020 ippreżentajt pjan ta' ħidma mfassal fuq erba' snin lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, pjan essenzjalment marbut ma' trasformazzjoni tal-Korp. Irrid nirrikonoxxi li l-bidu ma kienx wieħed faċli fejn fih konna qed inħejju l-pedamenti tagħna u waqt li qed nagħmlu dan konna qed noħorġu lilna nfusna mill-comfort zones tagħna.

Maż-żmien, ħafna minna bdejna nirrikonoxxu l-importanza ta' din it-trasformazzjoni u llum qed naraw u mmissu b'idejna l-frott tal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Proprju s-sena l-oħra, kontra kull pronostiku, esperjenzajna tnaqqis ta' 5% fir-rata ta' kriminalità u fuq kollox komplejna naraw lill-poplu Malti u Għawdxi jkabbar il-fiduċja

tiegħu fil-membri tal-Korp tant li skont stħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, illum il-ġurnata 90% taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin għandhom fiduċja fil-Korp tal-Pulizija.

F'dan il-kuntest, fil-Korp tal-Pulizija qed nesperjenzaw xejriet pożittivi ħafna fil-ħsieb u fl-attitudni tal-membri tagħna tant li skont stħarriġ li sar minn PwC Malta aktar kmieni din is-sena, illum il-ġurnata 89% tal-membri tagħna huma kburin li jiffurmaw parti mill-Korp filwaqt li 74% tħossukom motivati fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħkom. Dan kollu kompla jżid il-fiduċja tal-membri tal-Korp fl-amministrazzjoni anke għall-fatt li rajna kif aktar uffiċjali llum qed jirrikonoxxu kemm il-Korp qiegħed jipprijoritizza ċertu oqsma, partikolarment il-wellbeing tagħkom. Fuq kollox nimtela b'kuraġġ meta nara kif aktar minn 70% tal-membri tal-Korp iħossuhom ispirati mill-prijoritajiet tal-Istrateġija ta' Trasformazzjoni filwaqt li 86% tal-workforce tagħna stqarrew li raw kambjament pożittiv frott l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Trasformazzjoni.

U allura, kif kelli l-opportunità nħabbar pubblikament ftit tal-ġimgħat ilu, jien determinat li nkompli nwettaq il-pjan ta' ħidma li nista' nagħmlu għax tassew inħoss l-appoġġ tal-maġġoranza tagħkom li ġurnata wara l-oħra qegħdin timpenjaw ruħkom li tkomplu tikkontribwixxu fl-evoluzzjoni ta' Korp tal-Pulizija rilevanti f'soċjetà li kontinwament tinbidel.

Konvint li b'uffiċjali motivati u kommessi bħalma huma l-maġġoranza tagħkom, ser inkomplu nagħmlu unur lill-Korp tal-Pulizija fix-xhur u s-snin illi ġejjin filwaqt li nonoraw il-missjoni tal-Korp: li nipprovdu servizz professjonali u fdat sabiex nassiguraw pajjiż sigur għal kulħadd bi sħubija mal-komunitajiet tagħna.

Kif xieraq f'dawn il-jiem, apparti li mill-ġdid nirringrazzjakom għas-servizz ta' kull wieħed u waħda minnkom għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi, nieħu din l-okkażżjoni biex nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom Milied ta' paċi u kuntentizza.

DOMINE DIRIGE NOS




THE ESPLORA
CHRISTMAS
WONDERLAND
8 December - 7 January
from 18:00 till 22:30
Including extended Christmas
Market at Villa Bighi
Tickets from
showshappening.com
esplora

# Is-Suspett Raġonevoli



Spettur Jurgen Vella – Uffiċċju Legali

**Suspett Raġonevoli**
Fil-Kodiċi Kriminali tagħna, insibu diversi referenzi għat-terminu suspett raġonevoli, speċjalment fejn jidħlu s-setgħat u dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva, partikolarment fuq l-arrest u l-perkwiżizzjoni. Minkejja dan, il-Kodiċi ma jiddefinixxix x'inhu suspett raġonevoli u x'inhuma ċ-ċirkustanzi li jagħmel dak is-suspett wieħed raġonevoli.
Tajjeb jingħad li suspett mhuwiex prova iżda jfisser li hemm ċirkustanzi biżżejjed biex dik l-indikazzjoni tkun waħda raġonevoli u mhux biss spekulattiva.

**Setgħa ta' twaqqif u perkwiżizzjoni**
Is-setgħa ta' twaqqif u perkwiżizzjoni mogħtija lil kull uffiċjal tal-Pulizija toħroġ minn artiklu 351(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-artiklu tal-liġi jgħid is-segwenti: "*Uffiċjal tal-Pulizija jista', f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku wkoll bi ħlas, jipperkwiżixxi kull persuna jew vettura, jekk ikollu suspett raġonevoli li l-perkwiżizzjoni tista' tikxef il-pussess ta' affarijiet li huma projbiti, misruqa jew akkwistati permezz ta' reat ikun liema jkun, jew li jistgħu jiġu użati jew li setgħu ġew użati biex isir xi reat.*"

**X'jikkostitwixxi suspett raġonevoli?**
Suspett raġonevoli huwa oġġettivament suspett ġustifikabbli bbażat fuq fatti speċifiċi jew ċirkostanzi li jiġġustifikaw it-twaqqif u perkwiżizzjoni fuq il-persuna u/jew tfittxija ġo vettura li jkun maħsub li hi involuta fil-kommissjoni ta' reat f'dak il-ħin partikolari.

Suspett raġonevoli jippresupponi l-eżistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw li osservatur oġġettiv li l-persuna konċernata setgħet ikkommettiet reat. Sabiex is-suspett ikun wieħed raġonevoli, dak is-suspett irid jissodisfa żewġ testijiet. Dak suġġettiv li jikkonsisti s-suspett ta' dak l-uffiċjal li jkollu waqt li qed jeżerċita l-arrest, u dak oġġettiv, dak li persuna oġġettiva, raġonevolment tasal, abbażi tal-fatti jew ċirkostanzi, għal dak li jkun qed jissuspetta l-uffiċjal tal-Pulizija. Il-grad ta' prova sabiex jagħmel dak is-suspett wieħed raġonevoli u oġġettiv, huwa aktar baxx minn dak rikjest għal dak imsejjaħ il-grad tal-*prima facie*. Dan għaliex il-grad tal-aħħar irid ikun msejjes fuq provi ammissibbli filwaqt li biex ikun hemm suspett raġonevoli, dawk il-provi mhumiex neċessarjament rikjesti f'dak il-mument.
Hemm diversi fatturi li uffiċjal tal-Pulizija jista' jistrieħ fuqhom sakemm huwa raġonevolment jemmen fihom. Informazzjoni kkomunikata minn fuq ir-radio tal-Kamra tal-Kontroll, *hearsay*, jew informazzjoni anonima, liema informazzjoni tkun taqbel ma' xi deskrizzjoni ta' persuna mfitxxija, huma sufficjenti sabiex dak is-suspett ikun wieħed raġonevoli, għalkemm fuq l-aħħar żewġ eżempji għandha dejjem tintuża l-kawtela u tali informazzjoni għandha tiġi kkollaborata ma' ċirkostanzi oħrajn. Minkejja dan, sempliċiment struzzjonijiet m'għand superjuri waħedhom, mhumiex suffiċjenti sabiex dak is-suspett ikun wieħed raġonevoli.

**Ġurisprudenza**
Fil-ġurisprudenza tagħna nsibu diversi sentenzi fuq dan is-suġġett, b'mod partikolari dawk mogħtija mill-Qrati Kostituzzjonali sabiex jistħarrġu jekk arrest kienx wieħed validu jew jiksirx id-drittijiet fundamentali tal-individwu.

Fid-deċiżjoni *Tonio Vella vs. il-Kummissarju et.[1]*, intqal illi: *Il-Pulizija għandha d-dover li tagħmel użu raġonevoli mis-sorsi ta' informazzjoni li jkunu disponibbli għaliha għaliex jekk titraskura li tagħmel dan, is-suspett ikun jista' jiġi meqjus li ma kienx wieħed raġonevoli. Mill-banda l-oħra, il-pulizija mhix rikjesta li taġixxi biss u unikament fuq provi li jkunu strettament ammissibbli f'qorti. Huwa suffiċjenti għall-pulizija li taġixxi fuq tali informazzjoni li bniedem prudenti raġonevolment jaċċetta fil-kors ordinarju tal-ħajja. Il-pulizija tista' tarresta fuq suspett raġonevoli u m'għandhiex bżonn li qabel tarresta jkollha provi legali prima facie tar-reat.*

F'sentenza oħra, *Darryl Luke Borg vs. il-Kummissarju et.[3]*,il-Qorti stqarret illi in kwantu għas-suspett raġonevoli meħtieġ skont il-liġi, il-kriterju tar-raġonevolezza huwa wieħed oġġettiv. Suspett raġonevoli jippresupponi l-eżistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw lill-osservatur oġġettiv li l-persuna konċernata setgħet ikkommettiet reat. L-istat irid jipprovdi tal-inqas xi fatti jew informazzjoni kapaċi li jissodisfaw lill-Qorti li l-persuna arrestata kienet raġonevolment suspettata li kkommettiet ir-reat. Il-Qorti qalet: *"Dak li jista' jitqies raġonevoli jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ. Il-linja li tissepara l-każijiet fejn is-suspett ma jkunx suffiċentement fondat fuq fatti oġġettivi minn dawk il-każjijiet fejn is-suspett ikun hekk suffiċentement fondat tista' tkun waħda rqiqa."*

**Konklużjoni**
Wieħed għandu jżomm f'moħħu li sabiex is-suspett ikun wieħed raġonevoli, tali suspett ma jridx jissodisfa biss lil dak l-uffiċjal tal-Pulizija li jkun qed jeżerċità l-arrest u/jew perkwiżizzjoni iżda wkoll lill-osservatur oġġettiv li l-persuna konċernata setgħet ikkommettiet reat. Huwa importanti li suspett raġonevoli jrid jissusti tul il-ħin kollu tal-arrest u ċioè, ikun jeħtieġ li dak is-suspett ikompli jissusisti għall-perjodu kollu li l-persuna ddum miżmuma taħt arrest.

[1] Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et., Qorti Kostituzzjonali, 5 t'April 1991
2) Darryl Luke Borg vs Kummissarju tal-Pulizija et., Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Mejju 2015

# L-istress fuq il-post tax-xogħol



Minn Dr. Charlene Tonna
- MI Room

Kull min qatt kellu impjieg, f'xi ħin ħass il-pressjoni ta' stress relatat max-xogħol. Kwalunkwe xogħol jista' jkollu elementi stressanti, anki jekk tħobb dak li tagħmel. Fi żmien qasir, tista' tesperjenza pressjoni biex tissodisfa skadenza jew biex tissodisfa obbligu ta' sfida. Iżda meta l-istress tax-xogħol isir kroniku, jista' jkun ta' ħsara kemm għas-saħħa fiżika kif ukoll għal dik emozzjonali. Mhux dejjem tista' tevita t-tensjonijiet li jseħħu fuq ix-xogħol. Madankollu tista' tieħu passi biex timmaniġġja l-istress.

Ċerti fatturi għandhom it-tendenza li jmorru id f'id mal-istress relatat max-xogħol. Xi fatturi ta' stress komuni fuq il-post tax-xogħol huma:

- Salarji baxxi u tagħbija ta' xogħol eċċessiv.
- Ftit opportunitajiet għal tkabbir jew avvanz.
- Xogħol li mhuwiex impenjattiv jew ta' sfida.
- Nuqqas ta' appoġġ soċjali.
- Li ma jkollokx kontroll biżżejjed fuq deċiżjonijiet relatati max-xogħol.
- Domandi kunfliġġenti jew aspettattivi ta' prestazzjoni mhux ċari.

L-istress relatat max-xogħol ma jisparixxix meta tmur id-dar wara ġurnata xogħol. Meta l-istress jippersisti, jista' jkollok effett fuq is-saħħa u l-benesseru tiegħek.

Ambjent tax-xogħol stressanti jista' jikkontribwixxi għal problemi bħal uġigħ ta' ras, uġigħ fl-istonku, disturbi fl-irqad, temperament qasir u diffikultà biex tikkonċentra. Stress kroniku jista' jirriżulta f'ansjetà, nuqqas ta' rqad, pressjoni tad-demm għolja u sistema immunitarja mdgħajfa. Jista' wkoll jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ta' saħħa bħal dipressjoni, obeżità u mard tal-qalb.



**X'tista tagħmel biex timmaniġġja l-istress?**

- Żomm ġurnal għal ġimgħa jew tnejn biex tiddentifika liema sitwazzjonijiet joħolqu l-aktar stress u kif inti qiegħed tirrispondi għalihom. Irreġistra l-ħsibijiet, is-sentimenti, inklużi n-nies u ċ-ċirkostanzi involuti, l-ambjent fiżiku, u kif irreaġixxejt.
- Mur mixja. Ibda għamel eżerċizzju fiżiku, imqar tletin minuta kuljum.
- Kul tajjeb. Minflok ma tipprova tiġġieled l-istress bil-fast food, kafè jew alkoħol, agħmel l-almu tiegħek biex tagħmel għażliet tajbin tal-ikel meta tħoss li t-tensjoni tiżdied.
- Agħmel ukoll ħin għal passatempi u attivitajiet favoriti.

Li jkollok biżżejjed irqad ta' kwalità tajba huwa importanti wkoll għal kontroll effettiv tal-istress. Ibni drawwiet ta' rqad b'saħħithom billi tillimita l-konsum tal-kaffeina tiegħek tard fil-ġurnata u timminimizza attivitajiet stimulanti, bħall-użu tal-kompjuter u tat-televiżjoni, billejl.

Stabbilixxi konfini. Fid-dinja diġitali tal-lum, huwa faċli li tħoss pressjoni biex tkun disponibbli 24 siegħa kuljum. Stabbilixxi xi konfini tax-xogħol u l-ħajja għalik innifsek. Dan jista' jfisser li tagħmel regola li ma tiċċekkjax imejl mid-dar filgħaxija, jew ma twieġibx it-telefon waqt il-ikel.

Meta jkun possibbli, ħu l-ħin biex tirrilassa sabiex terġa' lura għax-xogħol tħossok imsaħħaħ mill-ġdid u lest biex tagħmel l-aħjar tiegħek. Tgħallem kif tirrilassa.

Tkellem mas-superjuri tiegħek. Is-saħħa tal-impjegati hija marbuta mal-produttività fuq ix-xogħol, għalhekk l-imgħallem tiegħek għandu joħloq ambjent tax-xogħol li jippromwovi l-benessru tal-impjegati.

Finalment, jekk tkompli tħossok megħlub mill-istress tax-xogħol, tkellem ma' psikologu, li jista' jgħinek timmaniġġja aħjar l-istress u tibdel imġieba ħażina għas-saħħa.


JOHNNIE WALKER
JOHNNIE WALKER
GOLD LABEL
RESERVE
Blended Scotch Whisky
DISTILLED, BLENDED AND BOTTLED IN SCOTLAND
LIMITED EDITION DESIGN
THE MASTER BLENDER'S RESERVE
FINEST MALT AND GRAIN WHISKIES
John Walker & Sons
PRODUCT OF SCOTLAND
ESTD 1820
40% vol
TRAVEL RETAIL
1L
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
drinkawaremalta.com
for the facts

# Kif nista' ngħin membri tal-familja jifhmu l-ħajja fil-Korp

Employee Support Programme Unit

Li tkun membru tal-familja ta' uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija jaf għal xi wħud tkun esperjenza diffiċli. Dan għaliex kull membru tal-familja jrid jidra l-kundizzjonijiet tax-xogħol fosthom il-ħinijiet twal u xiftijiet inkluż Ħdud u festi. Għaldaqstant, il-familja trid tippjana sew biex tlaħħaq mal-impenji personali tagħha.

Ikun hemm drabi wkoll, fejn possibbilment ikun hemm bidla fl-attitudni u l-imġiba tal-uffiċjal riżultat tal-esperjenzi fuq il-post tax-xogħol. Waqt li jwettqu dmirijiethom, uffiċjali tal-pulizija jridu jkunu analitiċi u assertivi, li tista' twassal għal konflitt jekk din l-attitudni tintuża wkoll id-dar. Għaldaqstant uffiċjali għandhom jippruvaw joqogħdu attenti biex ma jġibux ruħhom bħala pulizija meta jkunu d-dar mal-familjari tagħhom.

Ix-xogħol ta' pulizija huwa diffiċli biex tispjegah lil tal-familja u tfehmu għax id-dmirijiet ħafna drabi huma iktar ikkomplikati milli jidhru, għax hemm l-element emozzjonali li diffiċli tispjegah. Pereżempju jekk xi ħadd mar fuq il-post tal-inċident probabbli jkollu jiffaċċja lill-familjari tal-vittma apparti li kull sitwazzjoni ħa tqanqal emozzjonijiet personali wkoll. Ix-xogħol tal-pulizija jaf ikun wieħed stressanti u hemm riskju ta' periklu, u xi drabi l-familjari jitħallew jesperjenzaw l-ansjetà u l-biża' waħedhom.

Għaldaqstant, li ssib mod kif tipprova tfiehem ftit aħjar id-dmirijiet li tesperjenza ta' kuljum tgħin biex ittaffi ftit mill-inkwiet li jesperjenzaw il-familjari, tnaqqas l-istress minn fuqhom u ttejjeb ir-relazzjonijiet tiegħek magħhom.




Dawn huma ftit punti li tista' tiddiskuti ma' tal-familja biex jifhmu ftit aħjar ix-xogħol li twettqu.

- Żomm komunikazzjoni regolari u ħeġġeġ lil tal-familja jaqsmu xi mistoqsijiet jew ħsibijiet li jista' jkollhom.

- Għin lil tal-familja jifhmu l-isfidi u r-riskji assoċjati max-xogħol tiegħek.

- Serraħ ras tal-familja li tieħdu ħafna prekawzjonijiet u taħriġ biex tinforzaw is-saħħa u s-sigurtà waqt li taqdu dmirijietkom.

- Spjega lil tal-familja ġurnata tipika fuq ix-xogħol, inkluż ir-responsabbiltajiet, regoli u proċeduri li taħdmu bihom.

- Aqsam ftit esperjenzi ħelwin u pożittivi biex ittaffi ftit min-negattività li ħafna drabi tixxandar fil-midja.

- Stieden lil tal-familja biex jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-Korp.

- Meta ma tkunx xogħol, prova tkellem fuq affarijiet varji mhux biss relatati mal-Korp tal-Pulizija. Tista' tipprova tfakkar lilek innifsek li inti d-dar għandek rwoli oħra bħal li inti r-raġel jew il-mara, it-tifel jew it-tifla, il-missier jew l-omm, in-neputi jew n-neputija u l-ħabib jew ħabiba.

- Ftakar li tal-familja jridu ż-żmien sakemm jifhmu u jaċċettaw ir-realtajiet tax-xogħol tagħkom.

Dawn il-punti jgħinu lill-membri tal-familja jifhmu ftit aħjar fiex jikkonsisti x-xogħol u l-istress li wieħed jesperjenza waqt il-ħin tax-xogħol u għaldaqstant ikunu jistgħu jappoġġjawkom aħjar. Dan il-proċess mhuwiex faċli imma huwa proċess effettiv biex ir-relazzjonijiet ma' tal-familja jissaħħu. Dan għaliex meta l-bniedem jifhem, it-tendenza hi li l-ansjetà tonqos u allura tonqos ukoll it-tensjoni f'ħajjitna.

Li jkollna relazzjonijiet b'saħħithom huwa importanti ħafna u xi kultant ma nagħtuhomx l-importanza li jeħtieġu.

Tista' tkun ta' benefiċċju li tqattgħu ħin ma' pulizija oħra u l-familjari tagħhom, biex l-membri tal-familja jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenzi simili ma' xulxin. Dan huwa proċess li jirrikjedi ħafna paċenzja u dedikazzjoni. Agħtu widen għall-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' xulxin u ibqgħu investu b'mod konsistenti fir-relazzjonijiet tagħkom.

Jekk il-komunikazzjoni tibqa' sfida jew jekk tal-familja qed jinkwetaw u jbatu biex jidraw l-istress li jġib miegħu x-xogħol fil-Korp, nistiednek tfittex l-għajnuna professjonali tas-servizz tal-Employee Support Programme (ESP) biex tiddiskuti u tesplora metodi differenti ta' kif tista' tgħix aħjar din is-sitwazzjoni. Tista' ċċempel l-ESP fuq it-telefon 2200 1210 jew tibgħat imejl fuq esp@opmgov.mt. Jekk tixtieq iktar informazzjoni fuq is-servizz tista' wkoll iżżur is-sit elettroniku www.esp.gov.mt


# How common are explosive precursors?

Explosive precursors are substances or chemicals that can be used to manufacture explosives. These precursor materials typically have properties that make them suitable for use in the synthesis of explosive compounds. But how accessible are these chemicals really?
Everyday products may contain traces of such chemicals, which is acceptable so long as the threshold limit is not exceeded. Here are a few examples.

**Nitric Acid (Content Limit 3% by weight)**
Nitric Acid is a versatile chemical used in many industries including medicinal, precious metals and for the manufacturing of dyes and plastics. However, its use in household activities is limited to fertilizers. Its legitimate use for non-professionals is limited, so there is little reason to have this chemical at home!

**Hydrogen Peroxide (Content Limit 12% by weight)**
A common household chemical is Hydrogen Peroxide. It is a very important bleaching agent in hair dyes and has medicinal uses as a disinfectant. Do not worry! Chances are that your peroxide bottle does not exceed the content limit. 12% corresponds to 40 Volume, which is the most concentrated form that is available to the public.

**Sulfuric Acid (Content Limit 15% by weight)**
Sulfuric acid is an important chemical in industry. Use at home is sufficiently low that it is rare to find a bottle of sulfuric acid around the house. It can be used for cleaning and disinfecting, but because of its oxidative nature, it is avoided for use by the public. You may have seen it being marketed as a drain cleaner or pool disinfectant. However, this chemical should only be handled by professionals.

**Nitromethane (Content Limit 16% by weight)**
If you are a fan of RC racing, then you must be familiar with nitromethane where it is used in concentrations close to 100%. If you are a hobbyist, you are not allowed to purchase or use this fuel for this application. The use of nitromethane above 16% by weight is limited to professionals only.

**Ammonium Nitrate (Content Limit 16% by weight)**
Ammonium nitrate is used by farmers and gardeners for its fertilizing properties. Whilst farmers are considered professionals, if you are into gardening and make use of ammonium nitrate daily, take care to ensure that the content limit is not exceeded.

**Chlorates and Perchlorates of Potassium & Sodium (Content Limit 40% by weight)**
These chemicals are usually found in small amounts in various items, including medicines, emergency flares, air bags, cosmetics, and herbicides. They are usually found available to the public as part of a mixture of chemicals rather than as individual chemicals.

Any doubts you may have concerning these precursors should be reported to the Malta Police Force which is the National Contact Point established under this regulation by calling the Crime Stop Number (119). It is advisable to opt for a "better safe than sorry" approach. Therefore, if you notice any suspicious transactions or any other suspicious activity, contact the Police Force without hesitation.
Aside from the restricted precursors, there are also reportable precursors which whilst being available for use by the public, any suspicious activity concerning these items should also be reported immediately to the Malta Police Force.

For any other questions concerning the regulation, feel free to check out this information page or contact us at rad@mccaa.org.mt and via phone at + 356 23952000.

MCCAA

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Dan huwa avviż bi ħlas.

# AKTAR FAĊLI GĦALIK
# MAKING IT EASIER

**Dawn huma l-oġġetti li tista' tieħu fir-Roadshow Truck**

**These are the items you can take to the Roadshow Truck.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħwejjeġ<br>Clothes | Plastik<br>Plastic | Metall<br>Metal | Żejt tat-tisjir<br>Cooking oil |
| Bozoz u tubi<br>Light bulbs & neon tubes | Važetti u fliexken tal-ħġieġ<br>Glass bottles & jars | Karta u kartun<br>Paper & cardboard | Batteriji żgħar<br>Household batteries |
| Basktijiet u żraben<br>Bags & shoes | Polystyrene | Borom u taġnijiet<br>Pots & pans | Apparat elettroniku żgħir<br>Small electronic devices |
| Żebgħa u solventi<br>Paints & solvents | Bottijiet tal-ispray<br>Aerosol sprays | | |




WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

8007 2200
wsm.com.mt/roadshow

# Introducing ROSE by SIG SAUER.

Introducing ROSE by SIG SAUER. Developed in collaboration with World Champion Lena Miculek, ROSE was created to encourage and inspire women to take up shooting sports through education and training.

The ROSE kit includes a special edition optic-ready P365XL pistol in 9x19mm that takes 12-round capacity magazines, a custom ROSE Vaultek lockable storage case and other valuable accessories.



The ROSE video training series guides you from your first time holding a pistol all the way to your first time at a range, while the ROSE online community supports you to become a confident and comfortable shooter.




SIG SAUER'S P365 range of compact pistols comprises several models in various sizes. The P365 is currently the top-selling pistol in the US. Follow us on Facebook LSB Armoury for regular updates.

Rose™

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Armoury**
**Phoenix Business Centre, 23, Triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera SVR 9022, Malta**
**Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091/ 7906 0129**
**e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com**

# Esperjenza Missjunarja…
# …esperjenza li tibdillek ħajtek



RPC 3061 Simon Marshall

Ta' 18-il sena dħalt fil-Korp tal-Pulizija u wara 29 sena nservi f'diversi distretti kif ukoll skwadri bħall-SAG u RIU, il-ħajra li nibqa' nilbes l-uniformi kienet għadha hemm u għal dawn l-aħħar kważi 8 snin ilni inservi bħala RPC. Il-ġibda lejn il-missjoni kienet minn meta kont żgħir, naqra, nara u naffaxxina ruħi, meta mbagħad wasalt fl-età ta' 51 sena u ddeċidejt li nara biss, mhux ħa nagħmel differenza. Kien propju hawn meta ddeċidejt li niddedika ruħi għall-missjoni.

Illum jien leader ma' Mission4Changes u xtaqt naqsam magħkom il-passjoni kbira li għandi għall-missjoni bit-tama li anke nħajjar lil xi ħadd jew forsi hemm minnkom li għandkom tfal jew xi familjari u ħbieb li wrew xi xewqa jew ħajra lejn din l-esperjenza.

Għalija kollox beda fil-kontinent Afrikan, propju ġewwa l-Gambia, fejn rajt faqar kbir. Nammetti li avolja tkun rajt forsi fuq mezzi ta' komunikazzjoni jew ritratti, meta tara b'għajnejk u tmiss b'idejk, dik hija stampa oħra. Pero jkolli nammetti li wara l-ewwel esperjenza iktar ħassejt enerġija kbira biex ngħin u ridt nagħmel aktar.

It-tieni darba mort l-Indja, bil-vjaġġ jibda f'post jismu Jhansi. F'dan il-post morna fl-orfanatrofju ta' San Ġuda, fejn jinżammu tfal abbandunati ta' etajiet differenti. Dawn it-tfal jinżammu taħt il-kura u l-għożża kbira tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù.



F'Jhansi ltqajt ma' każijiet xokkanti bħal dak ta' tarbija ta' twelid, li litteralment ġiet mormija fiż-żibel, u anke tpoġġiet ġebla fuq sider it-tarbija sabiex din tifga u tmut. B'xorti tajba t-tarbija li kien tifel, instab u baqa' ħaj. Sfortunatament it-tifel ibati minn mard respiratorju għaliex laħqet saritlu ħafna ħsara. Tarbija oħra li rajt kienet twaddbet barra u ġiet attakkata min-nemel li ħallew marki fuq wiċċ it-tarbija. Tifla oħra ta' 9 snin, nieqsa mid-dawl ġiet abbandunata fit-toroq waħedha. Tifel minnhom twaddab minn fuq pont għax twieled b'diżabilità f'idejh. Dawn huma ftit mill-ħafna każijiet li għexna f'Jhansi.

Interessanti hu li fuq in-naħa ta' barra tal-istitut hemm bieba għal kamra li qiegħda apposta fejn jistgħu jitħallew trabi minflok jintremew. Meta tarbija titpoġġa hawn, it-tarbija tinżel f'post sigur u jindaqq alarm għall-attenzjoni tas-sorijiet.

Fit-tielet mawra tiegħi fil-missjoni mort post ieħor li kien jismu Umsning, fin-naħa ta' fuq tal-Indja. Hemmhekk iltqajna ma' Sister Lilian li taħdem mingħajr waqfien f'dan il-post. Ħafna mid-djar tagħhom jekk tista' ssejħilhom hekk, huma magħmula mit-tiben, zkuk u tajn, bla dawl u bla ilma. Dar partikolari li impressjonatni kienet dar taz-zkuk fejn kien hemm l-omm iżżomm tarbija, li kienet tidher kważi bla ħajja bid-deni li kellha. Ġewwa kien hemm ħuġġieġa żgħira taqbad sabiex ikun hemm ftit tas-sħana, iżda ovvjament kien hemm ħafna duħħan. L-aċċess għall-kura medika f'dan il-villaġġ huwa diffiċli u ftit huma dawk li jistgħu jħallsu għaliha. Għaddejna l-lejl f'dan il-villaġġ, fejn irqadna ġo dar żgħira li fiha tgħix Sister Lilian u 4 tfajliet orfni. Dar mingħajr kumditajiet, fejn f'din il-parti tal-Indja tagħmel il-kesħa u ftit li xejn għandhom teknoloġija biex iżommu l-post sħun.

F'postijiet oħra rajna djar magħmula minn pjanċi tal-laned taż-żejt, tfal żgħar ħafjiin u bi ftit ħwejjeġ imqattgħa fuqhom, li jidhru sew li huma neqsin mill-ikel u kull tip ta' kura medika. Iltqajna ma' tfal li jorqdu b'kutra waħda fuq sodod mingħajr saqqijiet u mħaded u li jbatu l-kesħa matul il-lejl. Matul il-ġurnata t-tfal jilagħbu b'dak li jsibu għax lanqas biss jimmaġinaw li xi darba jkollhom xi ġugarell sabiħ.

F'post remot ieħor iltqajna ma' ġuvni b'diżabilità li jgħidulha spina bifida u li jgħix f'għorfa żgħira ma' ommu u membri oħra tal-familja. Dan il-ġuvni ngħata siġġu tar-roti mill-Mission4Changes. Ommu, mara anzjana u m'għandhiex is-saħħa biex tieħu ħsiebu u lanqas il-mezzi finanzjari biex ittih il-kura li għandu bżonn.

Kull esperjenza li niltaqa' magħha ġġibli dieqa kbira f'qalbi għax ninduna kemm għandna għax nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li jipprovdilna.

Il-volontarjat illum sar parti minn ħajti u nixtieq inkompli naħdem għal dan il-għan. Kull tip ta' għajnuna mill-pubbliku inġenerali tgħin biex dawn it-tfal u dawk li jieħdu ħsiebhom jgħixu ħajja b'anqas tbatija, b'ċans ta' futur aħjar u b'dinjità.



Dejjem jiġi f'moħħi dak li qalet Madre Theresa, "Jekk ma tistax titma mitt persuna, itma mqar persuna waħda".

Is-sena d-dieħla fl-2024 ħa nagħmlu esperjenzi fl-Indja u għall-ewwel darba fil-Perù. Min jixtieq li jagħmel esperjenzi simili, jista' jikkuntattjani għal aktar informazzjoni. Dawk li għal xi raġuni ma jistgħux isiefru, xorta jsir ħafna xogħol lokalment ma' diversi għaqdiet u NGOs oħrajn. Kull għajnuna hi apprezzata.

Emmuni meta ngħidilkom li xogħol tal-missjoni ma jġibx differenza biss lil min jirċevih, imma anki lil min ikun qed jagħmlu.





Minn Steve Spiteri
– Viċi President

# Sena impenjattiva iktar mis-soltu

It-tieni ftehim settorjali ġie iffirmat. M'iniex ser nidħol fid-dettall fuq kull ma fih dan il-ftehim, għal dan hemm Ċirkolari numru 7/2023 u jispjega tajjeb il-kontenut, pero ma nistax ma nikkummentax dwar punt żgħir minn dan il-ftehim. Għalkemm kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu dan il-ftehim settorjali neħħa ċertu differenzi li saru tul iż-żmien. Il-famuża Special Duty Allowance (SDA) se tieqaf fl-aħħar ta' din is-sena. Kulħadd jaf kemm iġġebbdet din l-ispecial duty allowance u spiċċajna li d-distrett, PAs u xi postijiet minimi oħra li ma kinux intitolati għaliha. Żgur li kulħadd għandu xi tip ta' 'Special Duty' fix-xogħol tiegħu. Weġġgħat biżżejjed nies u allura ġie miftiehem li din l-allowance se tiġi abolita fl-aħħar ta' din is-sena.



Din is-sena kienet it-tmien sena minn mindu ġejna rreġistrati bħala Union. Għall-okkażjoni organizzajna wkoll il-ftuħ uffiċjali tal-uffiċċju tagħna li bħalma ħafna minnkom jafu, qiegħed fejn il-garage tal-Pulizija. Kellna wkoll open week għall-membri tagħna fejn bħala kumitat ċentrali flimkien max-shopstewards qbilna li nagħtu xi ħaġa lura lill-membri tagħna bħala apprezzament tal-lealtà tagħkom. Fil-fatt, tajna set earpods lill-membri tagħna li nġabru waqt l-open week.

Bħala Viċi President kif ukoll f'isem il-President, il-kumitat ċentrali u x-shopstewards tal-Police Officers Union nawguraw il-festi t-tajba lilkom kollha u lill-familji tagħkom. Nawgurawlkom sena ġdida mimlija saħħa u dak kollu li tixtieq qalbkom. Awguri.



BYD

NO.1 Global NEV Maker

bydauto.mt




PEUGEOT
PEUGEOT
NEW E-2008
ALL-ELECTRIC
NEW E-2008
Michael Attard Ltd, National Road, Blata l-Bajda
T. 21238854 M. 79406607 info@michaelattard.com peugeot.com.mt


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
garminmalta.com
GARMIN
DriveSmart 76 MT-D


PINCOTT
SECURITY
Professionals since 1972
High technology WIRELESS alarm systems
Established 1972
Address: 185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta.
Tel: 21330200 / 21311683
Fax: 21343908
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com

# Paġna Sportiva



Minn Ps794
Gilbert Lia

**Malta Police Internal Football League 2023**



Ingħata bidu għal-League intern tant mistenni u akkanit bejn id-distretti u t-taqsimiet tal-Korp. Wara li fl-ewwel edizzjoni li ntemmet bir-rebħa tat-team tal-RIU 1, f'din l-edizzjoni ser ikun hemm diversi timijiet li ser jagħmlu minn kollox sabiex jegħlbu liċ-champions u b'hekk jerbħu t-titlu rispettiv. Il-Kumitat Sportiv jawgura r-risq lil kulħadd f'dan l-avveniment.

**MESA Presentation Awards 2023**

Matul is-sena 2023, id-diversi attivitajiet organizzati mill-MESA (Malta Employees Sports Association) li membri tal-Korp jipparteċipaw fihom, wassal għal riżultati ferm pożittivi. Wara ħafna snin neqsin milli jipparteċipaw, it-team tal-Basketball ħa sehem f'tournament 3 vs 3 ġewwa l-Kumpless Sportiv ġewwa l-Università ta' Malta fl-Imsida u kisbu t-tieni post f'dan it-tournament. Fid-dixxiplina tal-football, it-team tal-5-a-side ukoll temmew staġun mill-aqwa wara li spiċċaw fit-tieni post fil-league li seħħ ġewwa l-Melita Grounds, f'Pembroke. L-istess suċċess kisbu diversi membri fid-dixxiplina tal-atletika.

Ta' dan kollu, dawn il-membri ġew ippremjati f'serata u ġew ippreżentati tazzi u medalji lil dawn il-membri rispettivi. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħa sehem u kien membru f'dawn it-teamijiet rispettivi, kif ukoll jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafà li dejjem wera s-support u l-għajnuna sabiex dan kollu jseħħ.








**Konklużjoni tas-sena 2023 u riflessjoni minn Ps 794 Gilbert Lia**

Bħal kull sena, ħafna attivitajiet seħħew u l-Kumitat Sportiv innota li qed ikun hemm interess akbar f'diversi dixxiplini sportivi. Minn dejjem kien l-għan tagħna li naraw il-membri tal-Korp li ma jiqfux mill-attivitajiet sportivi u jibqgħu attivi.  Fuq nota personali, jien ilni membru fil-Korp għal dawn l-aħħar 23 sena u niftakar żmien fejn minħabba eżiġenzi tax-xogħol, l-isports kien diffiċli ħafna biex tipprattikah. Biss, iż-żminijiet jinbidlu u anke l-mentalità. Aħna bħala membri tal-kumitat sportiv naħdmu u nirsistu sabiex dak li aħna ma stajniex nagħmlu qabel, ikun possibbli li jseħħ għal ħaddieħor. B'hekk nittama li kull min huwa sportiv, ma jitlifx dan l-interess u nħeġġu lil min waqaf minn xi dixxiplini biex jerġa' jipprova jipprattika jew anke jibda xi ħaġa ġdida. Fil-ħajja qatt mhu tard li tagħmel xi ħaġa speċjalment li twassal għall-ġid. Minn hawn f'isem il-Kumitat Sportiv nixtiequ nawguraw il-festi t-tajba lil kulħadd.

# APPREZZAMENTI

## mingħand il-komunità




• I would like to inform you that earlier today near the Kappara Service Station, we were involved in a bad car accident whereby this individual crashed into us and proceeded to make a big scene and if it were not for one of your off duty Police officer Daniel 2048 who stopped at the scene and who bravely did his utmost to calm this individual, we do not know what would have happened. Our sincere gratitude and praise goes towards this individual.

• I would like to thank the Spinola Police Station for the very good work that they do because of the very difficult locality that they work in. I would like to thank especially PC 1093 and PC 444 for all their efficiency and kindness. They are worthy for all honors.

• On behalf of my parents who earlier tonight were driving their car in Rabat which caught fire, we would like to thank the Police who came to assist and those who on the other end took our call. Thanks so much for your work its truly appreciated. Not all heroes wear capes, but you are our true heroes. Thank-you! Parents are well, they were seen at polyclinic and sent home.

• I am sending this email with heartfelt thanks. My daughter passed out through heatstroke and dehydration outside the parliament building. We received immediate assistance from the following officers: PS 143 Stephen Grech, PS 5 Luke Busuttil and PS 2091 Miriam Attard. They ensured that received water, cool fan and rest and we cannot be more grateful.

• I would like to commend the off-duty police officer PC 282 Adrian Mackay who chased and restrained a motorcyclist who hit and injured a pedestrian in Fgura.

• Nixtieq nirringrazzja lill-Pulizija li jieħdu ħsieb l-inħawi ta Marsalforn kollha speċjalment lil PC Gatt, PC Saliba, PC Cini u l-oħrajn li nafhom minn wiċċhom imma ma nafx x'jisimhom, wkoll lis-Surġenta Gaby ta kull għajnuna li jagħtuni meta kelli bżonn. L-iktar li nixtieq nirringrazzja lil PC Carm Gatt għax dejjem nibgħat lilu u anke jekk ikun leave dejjem jikkuntattjani lura u jipprova jgħini u dejjem solva l-problema.

• I wanted to write a positive review for the following officers of the Hamrun Police Station PC 93, PC 1529, PS 2416, PC 877 and PC 1444. They had been wonderful while they helped me retrieving my stolen phone. It was really an excellent service and the officers were compassionate and attentive.


ToyBeez
toybeez.com


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels ◦ Domestic ◦ Industrial ◦ Farms ◦ Yachts
WE FOCUS ON
◦ Timely deliver
◦ 24/7 delivery service
◦ Excellent quality products
◦ Flexible credit terms
"... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & L.P.G SUPPLIER
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


EXPLORE THE UNDERWATER WORLD
€3 DISCOUNT
MALTA NATIONAL AQUARIUM
MALTA NATIONAL AQUARIUM,
TRIQ IT-TRUNĊIERA, QAWRA,
SAN PAWL IL-BAĦAR SPB 1500
AQUARIUM.COM.MT


CoseCasa
creating homes together
Find our store in Balzan | Shop online cosecasa.com

carini
Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road St. Venera
tel: 21440202
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com

WHILST REFINING
OUR CLASSICS
We innovate through experience,
understanding current trends & seasons.
EST.1978
Osborne
TAILORED CATERING
info@osbornecaterers.com | 2142 3214

# Malta Association of Retired Police Officers



Minn Martin Pace
– Assistent Segretarju

**L-Ombudsman kellu żjara ta' korteżija mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Uffiċjali tal-Pulizija Irtirati (MARPO)**

L-Ombudsman Parlamentari l-Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon, iltaqa' mal-MARPO biex jiddiskutu diversi materji. Fil-bidu nett tal-laqgħa, l-Ombudsman esprima l-gratitudni tiegħu lejn l-uffiċjali tal-pulizija rtirati għas-servizz u l-impenn bla waqfien tagħhom lejn il-komunità tul il-karriera tagħhom. L-Ombudsman ħa l-opportunità sabiex jelabora dwar il-ġurisdizzjoni tiegħu u enfasizza l-importanza ta' programmi ta' outreach.

Huwa saħaq dwar kemm huwa importanti li jkun hemm kuntatt dirett mal-assoċjazzjonijiet, l-NGOs, u rappreżentanti minn setturi differenti li fil-fehma tiegħu għandhom irwoli kruċjali bħala l-partijiet interessati. Din il-ħidma kollaborattiva tiżgura li b'mod adegwat u xieraq jiġu rikonoxxuti u ndirizzati perspettivi u tħassib differenti.



L-assoċjazzjoni enfasizzat żewġ kwistjonijiet ewlenin. L-ewwel waħda hija dik dwar l-għoti tal-medalji għal Servizz Twil u Effiċjenti. Huma esprimew ix-xewqa li ssir reviżjoni tar-regolamenti attwali. It-tieni kwistjoni li ġiet diskussa kienet dik dwar il-pensjoni tas-servizz. Bħalissa uffiċjal tal-pulizija jikkwalifika għal din il-pensjoni wara 25 sena servizz. Jekk dawn l-uffiċjali jagħżlu li jaħdmu barra mill-Korp tal-Pulizija wara l-irtirar, il-pensjoni tagħhom ma tiġix affettwata. Madanakollu, jekk jiddeċiedu li jerġgħu jidħlu lura fil-Korp, il-pensjoni tagħhom tiġi sospiża. L-Ombudsman assigura lill-MARPO illi se jagħti konsiderazzjoni xierqa lill-kwistjonijiet li qajmu.

Għal din il-laqgħa attendew is-Sur Caruana - President, is-Sur Zammit - Segretarju, is-Sur Borda - Teżorier, u s-Sur Pace - Segretarju Eżekuttiv. L-Ombudsman kien akkumpanjat minn Dr Brian Said, Uffiċjal Investigatur u s-Sur Jurgen Cassar, Kap tal-Komunikazzjoni u r-Riċerka. (Ippublikat bil-permess tal-uffiċċju tal-Ombudsman 17/10/2023)

**Budget 2024**

Bħala parti mill-konsultazzjoni qabel il-Budget, il-MARPO bagħtet kopja tal-mozzjoni li kienet għaddiet waqt il-laqgħa annwali tal-2023. Wara diversi snin u persważjoni din it-talba tagħna fl-aħħar ġiet milqugħa fuq l-għoti tal-COLA, lil dawk il-membri li għadhom taħt l-età pensjonabbli u li ma jaħdmux. Parti mid-diskors tal-Budget minn paġna 20 jgħid: "Sur President, se ndaħħlu miżura ġdida għall-pensjonanti tas-servizz li jkunu għadhom ma laħqux l-età tal-irtirar, u li la jaħdmu u lanqas jieħdu pensjoni tas-sigurtà soċjali. Dawn sal-lum ma jieħdu ebda żidiet tal-għoli tal-ħajja, filwaqt li dawk li jaħdmu jew jieħdu pensjoni tas-sigurtà soċjali, jieħdu l-COLA. Għalhekk mis-sena d-dieħla 'l quddiem dawn il-persuni se jibdew jirċievu bonus addizzjonali għall-għoli tal-ħajja ekwivalenti għaż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja. Dan il-bonus jibqa' jakkumula kull sena biż-żieda tal-għoli tal-ħajja sakemm il-persuna jew tibda taħdem, inkella tibda tieħu xi pensjoni jew benefiċċju tas-sigurtà soċjali. Fl-istess ħin xorta jibqa' jitħallas anke meta jiġri dan bir-rata kif tkun akkumulat sa dakinhar".

**Pensjonanti li twieldu qabel is-sena 1962**

Dawk li twieldu qabel kellhom garanzija ta' żieda għall-għoli tal-ħajja biss, filwaqt li dawk li twieldu wara, daħal mekkaniżmu fil-liġi sabiex kull sena jiżdiedu b'persentaġġ li 70% tiegħu huwa bbażat fuq iż-żieda fil-pagi u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni. Mis-sena d-dieħla l-istess mekkaniżmu li diġà japplika għal dawk li twieldu fl-1962 jew wara, se jkun japplika wkoll għall-pensjonanti li twieldu qabel.

*ikompli fuq paġna 26*

*ikompli minn paġna 25...*

**Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti**

Il-MARPO tifraħ lill-uffiċjali u membri rtirati kollha tal-Korp li nhar l-14 ta' Novembru 2023 ingħataw il-midalja / clasp. Il-kriterji tal-għoti tal-midalja għal servizz twil u effiċjenti tinsab fuq l-aġenda tagħna u kellna laqgħa oħra skedata mas-Segretarju Parlamentari Dr Andy Ellul nhar l-24 ta' Novembru 2023. Għandna fiduċja li naslu, żgur mhux prokrastinazzjoni min-naħa tagħna, u nżommukom aġġornati. Inħeġġu lill-membri rtirati, sabiex japplikaw ħalli jingħataw il-midalja jew clasp, skont iċ-ċirkustanzi u kriterja, speċjalment dawk li telqu f'dawn l-aħħar snin. Min isib diffikultà jkellimna.

**Ċerimonji ta' Tifkira**

Il-Ħadd 5 u l-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2023 attendejna għaċ-ċerimonji ta' tifkira tal-membri li għaddew għal-ħajja ta' dejjem fuq l-oqbra. Ipparteċipajna wkoll f'Jum it-Tifkira ta' nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru 2023. Il-membri tagħna li jidhru fir-ritratt ħadu sehem, fuq mil-lemin ex-Supt Abraham Zammit, ex-PS Anthony Cuschieri, ex-AC Stephen Mallia, ex-PS Ivan Bartolo u ex-PS John Mizzi. Minn isfel ex-PS Alfred Attard, ex-PS Paul Ellul, ex-PS Joseph Borda, ex-PC Mario Pandolfino u ex-PS Joseph Mamo. Iktar 'il quddiem inħabbru pjan sabiex min huwa interessat li jkun membru ta' grupp li minn żmien għal żmien jiltaqgħu sabiex jkun hemm preżenza tagħna u nkunu aktar preparati għal okkażżjonijiet simili.

**Malta Police General Fund Ad Hoc Committee**

Matul l-2023 tlaqqa' tliet darbiet. Fil-ħarġa ta' Marzu 2024, is-Segretarju tal-Kumitat se jaġġorna lill-membri fuq dan. Sa Novembru 2023 se jkunu tħallsu l-membri li daħlu fis-sena 1967.

**Membership 2024 ta' €5**

Titħallas kull nhar ta' Tnejn (9am-noon) l-uffiċċju l-Menqa. Revolut jew BOV mobile 9945 9583 jew b'ċekk li jrid jkun ta' aktar minn €20, indirizzat MARPO PO Box 36 Birkirkara u iktbu l-isem u l-kunjom, rank u numru tal-karta tal-identità.

**Kunsill**

Bi pjaċir inħabbru li d-Deputat Kummissarju irtirat Dr Antoine Casha aċċetta l-istedina tal-membri tal-kunsill u minn żmien għal żmien jattendi u jagħti l-kontribut b'pariri siewja. Nieħu din l-okkażżjoni biex nirringrazzjah. Is-sena waslet fi tmiemha. Personalment kienet sena impenjattiva fil-kunsill. Nirringazzja lil dawk li jagħtu widen għat-talbiet tagħna. Nispiċċa billi f'isem il-membri tal-kunsill nibgħat ix-xewqat tajba lil kulħad. Ġid u Saħħa.

**Stedina mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-membri tal-MARPO.**

Il-quddiesa u l-bibita li jorganizza tradizzjonalment il-Kummissarju lill-ex-membri, hija pjanata li ssir nhar il-Ħadd 7 ta' Jannar 2024 fid-9am ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.




Village Pets
ĦAŻ - ŻABBAR
GROOMING SERVICES AVAILABLE!
LARGE VARIETY OF PET FOOD & ACCESSORIES
FOR ALL YOUR PETS
CATS
DOGS
RODENTS
FISH
BIRDS
REPTILES
AMPHIBIANS
LOCATION
OPENING HOURS
MONDAY-FRIDAY: 8.00AM TO 7.00PM
SATURDAY: 7.00AM TO 2.00PM
villagepetszabbar@piscopogardens.com
+356 2780 9473


R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
LOOKING FOR HIGHEST QUALITY IN BUILDING MATERIALS?
THEN LOOK NO FURTHER...R.A&SONS ALWAYS BRINGING YOU THE BEST.
SCAN ME
Racem
PREMIXED CEMENT BASED PLASTER
R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
info@rasonsltd.com
sales@rasonsltd.com
www.rasonsltd.com
Gruwa Street, Xewkija XWK 2903 Gozo, Malta
(+356) 2155 6722 | 7950 5040
Warehouse N° 23, Hardrocks Industrial Park, Burmarrad NXR 6345, Malta
(+356) 2155 9369 | 7950 5041


enemed
POWERING YOUR DRIVE
National Distribution Centre
Triq il-Mina tal-Ħażna tal-Fjuwil
Ħas-Saptan, Għaxaq GXQ 1260
+356 2220 8000
info.enemed@enemed.com.mt
enemed.com.mt


BALLUT BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com
www.ballutblocks.com

# International Police Association

## Section Malta



Janet Zammit
- IPA Vice-President

**The 66th IPA World Congress was held between the 24th and 29th October in Athens, Greece.**

Present for this year's congress meeting was IPA Malta Vice President Janet Zammit. Delegates and observers from 66 countries participated, whilst Andorra and Argentina were not present. As part of this year's World Congress, the elections were held to form the New International Executive Board (IEB). The International Police Association is happy to announce the new board as follows:

- President – Martin Hoffmann (Austria) • Vice President – Michael Walsh (Ireland)
- Secretary General – Joze Senica (Slovenia)
- Chairman of the International Relations Commission (IRC) – Oliver Hoffman (Germany)
- Chairman of the Professional Commission (PC) – Diego Trolese (Italy)
- Chairman of the Socio-Cultural Commission (SCC) – Christos Parginos (Greece)
- Head of Administration – Clive Wood (United Kingdom)
- Treasurer Finances – Michael Walsh (Ireland) • Treasurer Social Affairs – Jean Paul Allet (Switzerland)

### The New IEB Board

Pierre-Martin Moulin was the former International President for 11 years. He thanked every section for their dedicated work during his time especially since the sections had to adapt to the major changes that Covid-19 brought around. Mr Moulin together with all the IPA sections thanked section Iceland and everyone expressed their sincere condolences for the loss of their former President and former Chairperson IRC, Einar Guoberg Jonsson, who passed away recently following an illness.




During the congress, Israel, Armenia, Ukraine and Russia spoke about their country's situation.
A motion was passed to suspend section Russia from IPA for another year. The new IBZ Gimborn program for 2024 was published. IBZ Gimborn was founded in 1969 and it is an international training and meeting centre for Police Officers around the world. Those interested in pursuing a course at IBZ Gimborn are to contact Section Malta on email:- ipamalta@gmail.com

Kindly note that memberships for 2024 can be renewed and are to be settled through BOV mobile pay or Revolut on number: 9945 9583 or by cheque (for payments over €20) and are to be sent to:
Police Association Centre, IPA Section Malta, Spencer Hill, Marsa
If you have any queries, kindly email us on ipamalta@gmail.com

The membership prices are as follows:
1 year: €10 / 3 years: €25 / 5 years: €40
Servo per Amikeco!



# Obitwarju





**Ex PS 1297**
**Louis Azzopardi**
1949 – 2023
1975 – 2008



**Dr. Francis Saliba**
1927– 2023
Ex Police Medical Doctor



**Ex PS 1171**
**Jude Taddeo Cachia**
1945 – 2023
1965 – 1982



**Ex Assistent Kummissarju**
**Paul Attard**
1936 – 2023
1955 – 1996



**Ex PC 297**
**Anthony Borg**
1947 – 2023
1965 – 1980



**Ex PC 65**
**Victor Spiteri**
1947 – 2023
1966 - 1992



**Ex PC 715**
**Francis Buttigieg**
1948 – 2023
1968 – 1998



**Ex PS 134**
**Joseph John Meli**
1940 – 2023
1959 – 1980



**Ex Inspector**
**Christopher Pullicino**
1971 – 2023
1994 – 2016



**Ex PS 50 & 1160**
**Joseph Seguna**
1944 – 2023
1964 - 1987 & 1989 - 1992



**Ex PC 224 & 247**
**Silvio Bonett**
1956 – 2023
1978 – 1991 & 1998 - 2021



**Ex PC 813**
**George Attard**
1933 – 2023
1955 – 1980



**Ex PC 1241**
**Paul Brincat**
1939 – 2023
1979 – 1999



**Ex Superintendent**
**Simon Galea**
1969 – 2023
1987 – 2021



**Ex PC 1142**
**Joseph Zammit**
1975 – 2023
1993 – 2000



**Ex PC 335**
**Maurice Grixti**
1950 – 2023
1971 – 1997



**Superintendent**
**Jesmond Borg**
1971 – 2023
1995 - 2023
Serving Member



**Ex PC 155**
**Nicholas Schembri**
1937 - 2023
1957 - 1977




# Salia

Every Table Tells A Story

Salia Mellieħa
db Seabank Resort + Spa
2289 1000

Salia Qawra
db San Antonio Hotel + Spa
2158 3434





tm
Transport Malta
THINK ABOUT IT
LOOKS RIDICULOUS NO?
WHY SHOULD
DRINKING AND DRIVING
BE ANY DIFFERENT?
Health Promotion & Disease Prevention Directorate
MALTA ROAD SAFETY COUNCIL
GOVERNMENT OF MALTA
OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER
MINISTRY FOR HEALTH
MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS